# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.g


Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi

Is-Seba' Legislatura

Laqgħa Numru 2/2018

12 ta' Frar 2018

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fit:5:30 pm.

Preżenti:

| | |
|---|---|
| Johan Mula: | Sindku |
| Francis Callus | Viċi Sindku |
| Carlo Stivala | Kunsillier |
| Joanna Abdilla | Kunsillier |
| Publio Abdilla | Kunsillier |

Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Doris Baldacchino | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

Minuti:

2.1 Qari tal-ittri ta' Apologiji

Ma kienx hemm qari tal-ittri ta' Apoloġiji.

2.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti

2.2.1 Il-Kunsilliera qablu fuq il-Minuti tal-laqgha preċidenti. Dawn ġew appovati u ffirmati mis-Sindku u mid-Deputat Segretarju Ezekuttiv.

2.2.2 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li minħabba li qiegħdin isiru x-xogħolijiet fis-sala, il-laqgħa riġward l-ikel ser tiġi posposta għal Marzu.

2.2.3 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv staqsiet lil Kunsillier is-Sur Publio Abdilla jekk l-Enemalta kinux marru jagħmlu x-shifting tal-arblu (ref punt 1.4.4) li hemm fi Triq tal-Ajzar. Il-Kunsillier qal illi kienu għadhom ma marrux pero' kienu marru jirranġaw l-arblu li hemm fi Triq San Gorg.

2.2.4 Il-Kunsillier is-Sur Carlo Stivala qal illi rigward it-tlielaq (ref punt 1.4.3) bħala organizzazjoni kienet ukoll Malta Triliation Association. Huwa qal illi kien sar clip fuq stazzjon televiżżiv fejn Ħal Safi ssemma. Is-Sur Carlo Stivala qal illi kien mgħarraf li jsiru ukoll trail races f'toroq rurali u l-Kunsill qabel illi għandna nsibu ġurnata sabiex din tiġi organizzata.

2.2.5 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa rigward kemm ittieħed it-tender tal-Bulky Refuse. Id-Deputat Segretarju qalet illi t-tender kien ittieħed b'€1.60 VAT excluż. Il-Viċi Sindku qal illi s-Sibt ta' qabel kien ħareġ lil persuna żewġ oġġetti flimkien ma bank ta' kċina u l-kuntrattur kien ħa ż-żewġ oġġetti u ħalla warajh il-bank tal-kċina. Is-Sindku qal li l-Kunsill konna ċempilnilu u reġa'ġie sabiex jieħu l-bank tal-kċina.

2.2.6 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa x'kien ġara rigward l-bandli. Is-Sindku qal illi l-Erbgħa 14 ta' Frar konna ser inmorru niffirmaw il-kuntratt mal-Planning Authority sabiex nieħdu l-fondi tad-Development Planning Fund, imbagħad wara nkunu nistgħu nibdew bix-xogħolijiet.

2.2.7 Il-Kunsilliera s-Sur Joanna Abdilla staqsiet konniex iċċekjajna rigward ref punt 1.4.3. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet illi l-aħħar darba li kienu ngħataw fondi kienu fl-2015 u li kienet bagħtet e-mail pero' kienet għada bla risposta.

2.2.8 Il-Kunsillier is-sur Publio Abdilla staqsa jekk hemm xi *shortcomings* ukoll fuq it-tender tal-ħajt ta' Triq il-Kuċċard u x'kien ser jiġri minn dak il-ħajt l-isfel mir-razzett. Is-Sindku qal illi t-tender tal-ħajt kien awarded u li x-xogħol kien miexi pero' il-ħajt ma jistax jinbidel jista' biss isirlu bħal qoxra minn barra għaliex hija parti minn kamra.

2.2.9 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla staqsiet jekk konniex tkellimna man-nies fi Triq l-Iskola sabiex din tiġi one way. Is-Sindku qal illi l-Kunsill ma kienx għadu għamel kuntatt ma ħadd minn din it-triq. Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi diġa' kien hemm xi oġġezzjonijiet.

2.2.10 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa rigward ref punt 1.3.8 jekk sarx xi komunikazzjoni mas-sid tal-għalqa minħabba t-tabella sabiex ma jsirx ostaklu fit-trejqa. Is-Sindku qal illi kien kellem lil Malta Industrial Parks fejn accettaw li t-tabella jaghmluha huma. Huwa ghadda d-dettalji ta' ufficjal tal-MIP lis-Sur Chircop sabiex jikkuntatjahom dirett huwa.

2.2.11 Il-Kunsilier is-Sur Publio Abdilla staqsa rigward ref 1.3.9 jekk kinux ġew minn Transport Malta sabiex jaraw minħabba l-problema tal-ilma. Is-Sindku kkonferma illi s'issa ma kinux għadhom ġew. Il-Kunsilliera s-Sur Publio Abdilla qal illi peress li fi Triq il-Kuċċard qiegħdin jaħsbu sabiex jinġabar l-ilma għandna naraw mal-perit jekk jistgħux jikkunsidraw sabiex l-ilma minn ħdejn l-Iskola nieżel lejn Triq iż-Żurrieq jistax jiġi devjat lejn Triq il-Kuċċard.

2.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

2.3.1 Is-Sindku qal illi kien kellem lil Ministru fuq id-dewmien sabiex titlesta Triq il-Kuċċard. Is-Sindku qal illi fir-rigward tal-EPPS ġie mgħarraf illi hemm xi klawsola sabiex il-process tat-tender jiġu mgħaġġla sabiex ikunu jistgħu jibdew ix-xogħolijiet.

2.3.2 Is-Sindku qal lil illi x-xogħol fis-sala kien beda u kellu jispiċċa lejn l-aħħar tax-xahar. Huwa qal illi ovjament is-sala għal dan iż-żmien se tkun magħluqa.

2.3.3 Is-Sindku qal illi kien sar meeting ieħor minħabba n-night shelter, u li dan il-proġett kienu għamlu studju sħiħ minn naħa tal-Ministeru tal-Anzjani. Is-Sindku qal illi minn naħa tal-Ministeru jixtiequ li jsir Centru tad-dimentia għal matul il-jum u night sheter għal billejl u b'hekk ikunu qiegħdin jagħmlu użu minnha ħafna nies. Is-Sindku qal li minbarra dan kollu xorta baqa' l-problema sabiex jintlahaq ftehim rigward il-kirja bejn il-gvern u l-kurja. Is-Sindku qal illi l-kappillan minn naħa tiegħu qiegħed jgħin internament sabiex jintlaħaq kompromess.

2.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

2.4.1 Is-Sindku qal illi kien rċieva diversi suġġerimenti sabiex jitwaħħlu xi bike racks fil-pjazza jew fejn il-convenience store. Is-Sindku qal li taghmel sens li nwaħħlu xi bike racks x'imkien fil-pjazza. Il-Kunsill iddiskuta xi proposti fosthom tnejn li kienu gew issuggerriti lis-Sindku minn resident pero' ma sarx qbil fejn għandhom jeħlu dawn bike racks. Il-Kunsill qabel li l-ahjar kien li sal-laqgha li jmiss il-Kunsilliera jmorru fuq il-post u jipprovaw jidentifikaw post adekwat fejn ghandhom jehlu dawn il-bike racks.

2.4.2 Is-Sindku qal illi rigward il-Car Show kien hemm erba' gruppi ta' parteċipanti u li kienu talbuh li jingħataw drink kull parteċipant. Is-Sindku qal illi kull barman tal-każin kien qiegħed joffri illi l-ewwel ħmistax-il drink jingħataw b'xejn minnhom. Is-Sindku ssuġerixxa illi l-bqija jingħataw minn naħa tal-Kunsill bħala rikonoximment talli kienu ġejjin mingħajr interess ta' xejn. Il-Kunsill qabel ma dan is-suġġeriment.

2.4.3 Is-Sindku qal illi sid tan-nagħal fi Triq iż-Żurrieq għandu problema illi meta jmur għandu xi ħadd biex jirranġa ikollu problema fejn ser jitfa l-karettun ta' wara. Is-Sindku qal illi quddiem il-ħanut huwa mpossibli li jħallih u meta jħallu l-karettun fit-trejqa li hemm faċċata qiegħdin jieħdu ċitazzjoni. Għalhekk sid il-ħanut qiegħed jistaqsi huwiex possibli li jsir loading u unloading. Il-Kunsill iddiskuta din il-problema u qabel illi għandna naplikaw għal tabella loading u unloading bil-ħinijiet li jkun miftuħ tan-nagħal.

Il-Viċi Sindku ġie skużat mil-laqgħa fil-6.58pm.

2.4.4 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li l-persuna li ser tagħmel il-lezzjoni taż-żfin sabiex jgħinu lil persuni bil-problema tal-parkinsons u l-carer taghha kienet ġiet tara s-sala u kienet qiegħda titlob sabiex jew tuża s-sala kull nhar ta' Tnejn jew kull nhar ta' Ġimgħa. Il-lezzjonijiet ser isiru bejn is-6:30pm u 8:00pm u minħabba l-problemi tal-parkinsons x'aktarx ikollna bżonn li jintuża l-lift. Il-Kunsilliera Joanna Abdilla ser tkun qiegħda tgħin sabiex

2.4.5 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet ukoll illi ser issir il-mixja b'risq Puttinu Cares bħal kull sena fi żmien il-Ġimgħa l-Kbira mill-Mellieħa

2.4.6 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi ser torganizza ħarġa il-Fawwara.

2.4.7 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi ser torganizza l-eżerċizzi għaż-żagħżagħ li ser isiru fis-sala fit-8:30 pm.

2.4.8 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla staqsiet rigward il-problema tad-dranaġġ. Is-Sindku kkonferma illi filgħodu kienu ġew jitgħu l-kulur u l-għada kellhom jiġu jara s-sewers.

2.4.9 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla staqsiet rigward il-ħadida li hemm fi Sqaq Santa Marija jekk kellniex nagħmluha aktar ħafifa. Is-Sindku qal illi diġa' konna għamilniha eħfef u li kellna naraw jekk nistgħux nagħmluha biċ-ċappetti.

2.4.10 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi fejn iċ-ċimiterju mimli ħaxix pero' s-Sindku qal illi għandu jiġi maħrut.

2.4.11 Il-Kunsillier s-Sur Publio Abdilla staqsa rigward kemm il-Kunsill nefaq fuq Ġnien Sir Alexander Ball. Is-Sindku ta rendikont fuq in-nefqa u x-xogħolijiet li saru fil-Ġnien ta' Ball u rendikont ukoll fuq il-gruppi ta' turisti li ser iżuru l-Ġnien. Is-Sindku qal li se jkellem lis-Sur Stefan Cassar, il-persuna li qed jiehu hsieb il-gnien, sabiex jaghmel kuntatt mas-Sur Publio Abdilla biex jiltaqghu u jfiehmu dwar il-pjanijiet tieghu rigward il-gnien ta' Ball. Is-Sindku qal li l-persuna li ilu ghal diversi snin jiehu hsieb il-gnien illum kiber fl-eta' u m'ghadux jiflah jaghmel certu xogholijiet. Ghalhekk jekk il-Kunsill se jibqa' jitlob lis-Sur Stefan Cassar sabiex jiehu hsieb certu xogholijiet, jemmen li dan irid jithallas ta' certu xoghol li huwa jaghmel.

2.5 Rapporti

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv tat kopja tal-Financial Statements tas-sena 2017 lis-Sindku u l-kunsilliera kollha. Hija spjegat kif is-sena 2017 morna tajjeb ħafna, u li konna ser nispiċċaw b'surplus ta' 13,480 Euros sabiex ikunu jistgħu jagħmlu tajjeb għal proġetti li ser nagħmlu din is-sena. Il-Kunsill approva dawn il-Financial Statements għas sena 2017.

Il-Kunsillier is-Sur Carlo Stivala ġie skużat 7.43pm

2.6 Tender ta' Triq San Tumas

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet illi t-tender għal Triq San Tumas kien ħareġ u kellu jagħlaq nhar il-Ġimgħa 9 ta' Marzu 2018. Is-Sindku qal illi l-Kunsill skond direttiva mid-Dipartiment għandu jibda jaħtar bord magħmul minn nies esperti sabiex issir l-evalwazzjoni tat-tenders. Is-Sindku ssuġerixxa illi l-kumitat għal-evalwazzjoni ta' triq San Tumas ikun magħmul mill-Avukata Joanne Farrugia, l-Perit Michael J. Camilleri u l-Accountant is-Sinjura Josianne Debono. Il-Kunsill approva l-kumitat unanimament.

2.7 Tender Toroq u Bankini

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet illi bħala Kunsill m'għandniex kuntratt għal resurfacing tat-toroq u bankini u li taħseb illi fl-opinjoni tagħha tkun ħaġa tajba illi noħorġu kuntratt spesifikament għaż-żamma tat-toroq. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

2.8 Kwotazzjoni Soft Areas & Gardens

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet illi l-kwotazzjoni tas-Soft Areas & Gardens kienet ħarġitha u li kienet tagħlaq nhar il-Ġimgħa 9 ta' Marzu 2018 ukoll. Hija qalet illi l-kwotazzjoni kienet ħarġitha għal sena sabiex naraw kif ser nmorru. Is-Sindku qal illi kien irċieva lment illi kien hemm xi siġar fi Triq ta' Rqajja bir-riħ kienu qiegħdin iserħu fuq il-wires tal-elettriku. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet illi sabiex ikun jista' jibda jaħdem il-kuntrattur il-ġdid żgur li kien fadallu aktar minn xahar ieħor u jekk hemm xi ħaġa perikoluża m'għandnix nistennew. Il-Kunsill qabel li niehdu hsieb li nqabbdu lil xi hadd sabiex jizbor dawn is-sigar.

2.9 Kwotazzjoni tal-Accountant

Id-Deputat Segretarju qalet illi għalkemm kienet bagħtet lil ħafna kumpaniji għal kwotazzjoni għas-servizz ta' Accountant hija kienet irċiviet kwotazzjoni waħda biss għal prezz ta' 225 Euros fix-xahar. Il-Kunsill approva din il-kwotazzjoni.

2.10 Kiri ta' Garage

Is-Sindku qal illi minn din is-sena sid il-garage talab sabiex jgħolli l-prezz tal-kiri. Sid il-garage qiegħed jitlob 3000 Euros + Vat li jiġu 3540 Euros. Is-Sindku qal illi b'dan il-prezz is-sid kien qiegħed jitlob b'50% aktar fis-sena. Il-Kunsill jifhem li l-prezz jista' joghla peress li l-prezz tal-kirjiet qed joghla pero' ma qabilx mal-prezz mitlub u li għandna nghidulu li qiegħdin naraw il-prezz għoli u nitolbuh sabiex jirrevedih.

2.11 Korrispondenza

Is-Sindku staqsa rigward e-mail 31/18/1 rigward il-bye laws għal sponsors tan-Nursery Kits. Id-Deputat Segretarju qalet illi kienet avżat lid-Dipartiment illi issa l-Kunsill ma kienx għadu nteressat f'din il-bye law.

Is-Sindku staqsa rigward e-mail 27/18/1 rigward każijiet pendenti li l-Kunsill għandu mal-Awtorita' tal-Artijiet. Id-Deputat Segretarju qalet illi l-uniċi każijiet pendenti huma l-clearance minħabba l-Ġnien ta' Ball u d-devoluzzjoni minħabba l-Klinka.

Is-Sindku staqsa ukoll rigward e-mail 45/18/1 rigward il-korsijiet tal-Lifelong Learning. Id-Deputat Segretarju qalet illi kienet għadha trid tibgħat l-applikazzjoni minħabba dawn il-*Courses.*

2.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

Il-pagamenti ġew diskussi u approvati unanimament.

2.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduata li jmiss.

Il-laqgħa ntemmet fil- 9.05 pm. Laqgħa li jmiss ser tkun nhar il-Ġimgħa 16 ta' Marzu 2018 Frar 2018 fit-5:30 pm.

| | |
|---|---|
| Johan Mula | Doris Baldacchino |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |